MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2003

Numru 1021/2002

**Artiklu 261, 268(d), 334 u 293**
**tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

**Il-Pulizija**
**Spettur Carmelo Bartolo**
**v**

**GERALD FRENDO**

**Seduta ta' llum, 3 ta' Frar, 2003**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **GERALD FRENDO** ta' tlieta w ghoxrin sena bin Joseph u Carmen nee Camilleri, imwieled Pieta nhar t-tnejn ta' Lulju, 1979 u joqghod 168, Triq l-Kuncizzjoni, Imsida, detentur tal-karta tal-identita numru 311179M, gie mressaq quddiema akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, matul l-perjodu ta' bejn il-wiehed u tletin ta' Dicembru, 1997 w is-snin ta' qabel din d-data, kkommetta

serq ta' oggetti kkwalifikat bil-persuna, liema serq sar ghad-detriment tad-dirigenti tal-kumpanija Bad Boy Cleaning Services Limited u/jew persuni ohra u talli nhar t-tmienja ta' Awissu, 2001 u matul is-snin ta' qabel din d-data, f'dawn il-Gzejjer, xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex jbieghhom jew jmexxihom.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-kunsens tal-Avukat Generali datat hmistax ta' Jannar, 2003 esibit fl-atti u mmarkat bhala dokument CSH 1 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat li fl-ezami li sar fuq l-imputat a tenur tal-artikolu 390(1) u 392(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ddikjara li m'ghandhux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u dan wara li nghata zmien xieraq sabiex jwiegeb.

Semghet lix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Semghet lil partijiet jittrattaw l-kawza fis-seduta tas-sebgha w ghoxrin ta' Jannar 2003 fuq bazi legali.

Ikkunsidrat:

Illi l-Prosekuzzjoni qed ssostni principalment li hija ppruvat sal-grad rikjest mill-ligi li l-imputat ghandu jinstab hati tal-akkuza ta' serq kif aggravat bil-kwalifika tal-persuna waqt li l-Avukat Difensur jsostni li l-imputat m'ghandhux jinstab hati tal-akkuza ta' serq aggravat jew addirittura ricettazzjoni u semmai messu gie akkuzat bir-reat ta' misapproprijazzjoni in debita.

Illi ghalhekk in vista ta' dak li gie sollevat mill-partijiet, il-Qorti ghamlet apprezzament tal-fatti kif jirrizultaw mill-atti.

Illi **Emanuel Degiorgio xehed nhar l-wiehed u ghoxrin ta' Jannar, 2003** fejn spjiega li huwa direttur tas-socjeta Bad Boy Cleaning Services Limited. Illi huwa gharaf lil imputat odjern bhala wiehed mill-*cleaners* li kellu impjegati

mieghu fis-sena 1997 u li kien jahdem fl-istabbiliment maghruf bhala Park Towers ghalih. Illi huwa [l-imputat] kien responsabbli ghat-tindif ta' dan il-kumpless u kien jiehu minghand s-socjeta Bad Boy Cleaning Services Limited l-oggetti kollha relatati ma dan t-tindif fosthom r-*rolls* tat-*toilet paper* sabiex jipprovdihom f'dan l-istess stabbiliment. Mistoqsi jekk qattx kellu xi rapporti ta' oggetti neqsin minn negozju tieghu huwa wiegeb fin-negattiv u mistoqsi jekk qattx l-imputat qallu li kellu jiehu xi flus minghandu, wiegeb li sa fejn jaf hu, dejjem hallas lil imputat u li ma jaf dwar l-ebda pretenzjoni li kien qed jirriklama l-imputat. Illi huwa (dan ix-xhud) sar jaf li kien hemm dawn t-*toilet paper rolls* neqsin minn informazzjoni moghtija lilu mill-Pulizija Ezekuttiva u li rapport ta' serq qatt ma ghamel.

**L-imputat** ma xehdtx f'dawn il-proceduri ghalkemm kien **irrilaxxja stqarrija b'mod voluntarju** lil Pulizija Ezekuttiva **nhar t-tmienja ta' Awissu, 2001** liema stqarrija tinsab esibita fl-atti markata bhala dokument CB.

Minn ezami ta' din l-istqarrija jirrizulta li l-imputat ikkonkluda li s-socjeta Bad Boy Cleaning Services Limited kellha taghtih xi flus ghal xi xoghol li kien jghamlilha u bhala *payment* peress li l-imghallem tieghu ma hallsux ghal xi perjodu, beda jiehu xi *toilet paper rolls* kuljum u dan billi ex admissis jghid "minflok li kont inpoggi tlett rollijiet fil-post fejn jitqieghed dawn t-*toilet paper rolls*, kont inqieghed tnejn u l-iehor niehdu ghalija. Dawn it-*toilet paper rolls* hallejthom fil-garaxx tal-familja tieghi. Jien ghamilt hekk sabiex nivvendika ruhi talli ma kienx jhallasni."

Illi d-Difiza pero fit-trattazzjoni taghha eccepiet li dan l-agir tal-imputat ma jikkostitwix r-reat ta’ serq izda dik ta’ approprazzjoni indebita. Ghalhekk fid-dawl ta’ din d-difiza, il-Qorti thoss li ghandha tispjiega dawn iz-zewg reati b’mod distint u separat sabiex b’hekk tara jekk il-fatti kif ppruvati mill-Prosekuzzjoni jinkwadrawx ruhhom fir-reati addebitati lil imputat odjern.

Jekk wiehed janalizza l-Kodici Penali taghna, ma jsibx definizzjoni tal-kuncett ta’ serq, ghalhekk n-nozzjoni tas-serq tista *prima facie* tidher facili u ta’ intelligenza vulgari, mandankollu, r-reat ta’ serq dejjem ta lok ghal kwistjonijiet frekwenti u vivament dibattuti fid-dritt kriminali.

Hija l-prattika kostanti tal-Qrati taghna li jadoperaw d-definizzjoni moghtija minn **Carrara** fi ***Programma Speciale*** (Vol IV, para 2017); (vide ***Appell Kriminali fl-ismijiet*** **Il-Pulizija v Tanti** ***deciz fid-disgha ta’ Dicembru, 1944 – vol XXXII(e); IV – 814).***)
Il-**Carrara** jghid :

“*Il furto e’ la contracettazione dolosa della cosa altrui invito domino con animo di farne lucro.*”

Ghalhekk jirrizulta minnufih li sabiex jissusisti s-serq irid jkollna l-elementi kostitwiti kollha ta’ dan l-istess reat u cioe:

a. il-*contractatio* tal-haga ;
b. li tappartjeni lil terzi;
c. li gew maghmula b’mod frawdolenti; u
d. *animo lucrandi*.

Ghalhekk meta nghidu li sabiex jissusisti s-serq il-*contracetatio* tar-*res aliena* irid isir b’mod frawdolenti, nridu nfissru li t-tehid tal-oggett irid isir bl-intenzjoni li dan qed jittiehed minghand terzi, jigifieri li t-tehid qed isir ghad-dannu ta’ terzi. Huwa importanti *sine qua non* biex jigi ppruvat s-serq li hemm l-intenzjoni tal-*mens rea* mhux biss t-tehid tar-*res aliena* izda l-intenzjoni <u>li ser isir akkwist</u> – *animo di farne lucro*. Il-*contracetatio* ma hiex bizzejjed, imma hemm bzonn li tkun saret *invito domino* u *luci faciendi gratia*.

Infatti r-rekwizit specjali ghas-serq huwa li wiehed qed jipprokura sodisfazzjon, vantagg jew beneficcju minn haga li tappartjeni lil terzi. Fis-serq l-interess li jrid jigi ppruvat huwa l-pussess tal-oggett li jrid jigi prodott minn kull tehid illegittimu kommess *mediante sottrazione senza violenza personale* kif jghid **Manzini:**

"*… presupposto essenziale del furto e' la mancanza del posesso del agente.*"

Ghalhekk kif tajjeb spjiegat il-***Qorti tal-Appell Kriminali*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v S. Pisani**, ***deciza nhar d-dsatax ta' Frar, 1942,*** sabiex tezisti il-vjolazzjoni tas-serq, mhux biss l-oggett irid jigi mehud, izda li t-terz jigi spussessjat mill-oggett. Kwantu ghar-rekwizit ta' *invito domino* huwa intuwittiv li l-kunsens tas-sid jidderimi r-reat ta' serq.

Fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tmintax ta' Ottubru, 1941*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Karmnu Catania** giet identifikata d-differenza bejn r-reat ta' serq kif spjiegat aktar 'l fuq u dik ta' approprazzjoni indebita, u cioe sabiex jissusisti il-figura ta' approprazzjoni indebita u mhux il-figura tas-serq, hemm bzonn li l-haga li tkun giet approprijata tkun giet konsenjata u fdata lil min hadha taht it-titolu li jimporta l-obbligu tar-restituzzjoni taghha jew li jsir minnha uzu determinat.

Skond gurisprudenza kostanti u anke skond awturi, generalment huwa ritenut li l-estremi ta' dan r-reat ta' approprazzjoni indebita huma dawn li gejjin:

1. Illi l-pussess tal-haga jkun gie trasferit lis-suggett attiv tar-reat voluntarjament mill-proprjetarju jew detentur, ikun min ikun. Jigi specifikat hawnhekk biex ma jkunx hemm ekwivocita, li l-konsenja da parti tal-proprjetarju jew detentur lil agent jew lis-suggett attiv tad-delitt, trid tkun maghmula *con l'animo di spostarsi del posesso*, ghax altrimenti jiffugura mhux r-reat tal-approprazzjoni indebita, imma s-serq.
2. Illi t-trasferiment tal-pussess ma jridx wkoll ikun jimporta t-trasferiment tad-dominju cioe tal-proprjeta ghaliex f'dan il-kaz ma jiffugurax l-element tal-azzjoni indebita.
3. Illi l-oggett irid ikun mobbli;
4. Illi l-konsenjatarju in vjolazzjoni tal-kuntratt jaghmel tieghu il-haga cioe japproprja ruhu

minnha jew jbiegha jew jiddistruggiha *a proprio commodo o vantaggio;*
5. Irid ikun hemm wkoll l-intenzjoni tas-suggett attiv tar-reat li japproprja ruhu mill-oggett li jkun jaf li huwa ta’ haddiehor u finalment xi awturi jsostnu wkoll li jrid ikun hemm d-dannu patrimonjali kawzat lil proprjetarju li fil-konfront tieghu tkun saret l-approprazzjoni indebita.

Fuq dan il-punt il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hamsa ta’ Marzu,*** 1993 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Ali Abdulla Bakush** fejn dik il-Qorti ddecidiet li ma tespandix fuq dan l-ahhar element ghaliex hemm teoriji li appena s-suggett attiv tar-reat jdawwar bi profitt ghalih l-oggett, dan minnu nnifsu ikun jikkostitwixxi dannu patrimonjali. Hu x’hinu pero jidher car li l-kuncett kollu tal-approprazzjoni indebita huwa koncepit mhux biss fuq l-abbuz ta’ fiducja imma fuq il-fatt li pesuna taghmel uzu bi profitt ghaliha minn oggett li jappartjeni lil haddiheor, liema haddiehor ikun fada dak l-oggett f’idejn is-suggett passiv f’wiehed mic-cirkostanzi li jikkontempla l-artikolu 293 tal-Kodici taghna.

In generali jinghad li fid-dottrina b’approprazzjoni indebita wiehed jifhem li dik il-vjolazzjoni ta’ dawn l-kuntratti li bazati kif inhuma fuq il-fidjucja, jissejjah kuntratt fiducjarju u essenzjalment jikkonsisti fl-istorn tal-haga fdata ghal skop determinat (ara **Crivellari** - ***Dei reati contro la proprieta*** – pg. 498; ediz. 1998).

Il-**Carminiani** fil-ktieb tieghu **Elementi Iuris Criminali -** (para 1020) jiddefinixxi dan r-reat li huwa jsejjahlu bhala:

“*il fatto de quo liu, che avendo ricevuto dal propretario mediante contratto* <u>*non*</u> *transiattivo di dominio, una cosa immobile, questa contro i patti e contro la volonta del propretario stesso e converta in uzo proprio con animo di appropriarsela o la distrugge e a proprio lucro e commodo.*”

**Carrara** fil-kieb tieghu ***Diritto Penale*** taht t-titolu *Esposizione dei delitti inspecie* (vol 4. para 284) li wkoll

jissejjah dan r-reat truffa b'mod l-aktar sintetiku, jiddefinixxi dan r-reat bhala:

" *la dolosa approprazione di una cosa altrui che si e' ricevuto del propretario per una convenzione non translattiva di domino e da uzo determinato.*"

Essenzjalment ghalhekk l-approprazzjoni indebita ma hi xejn hlief abbuz ta' fiducja li permezz tieghu wiehed jirrendi bi profitt ghalih haga li tkun giet konsenjata lilu jew fdata f'idejh b'att liberu u spontanju (vide **Il-Pulizija v Joseph *Mifsud deciza nhar t-tnejn ta' Dicembru, 1992 mill-Qorti tal-Appell Kriminali*; Il-Pulizija v Joseph Richmond et *deciz nhar l-erbatax ta' Jannar, 1993*; Il-Pulizija v Capt. Albert Mallia *deciz nhar l-hamsa w ghoxrin ta' April, 1949*** u **Il-Pulizija v Emanuel *Cassar deciz nhar l-ghoxrin ta' Ottubru, 1997*.**)

B'dan il-Qorti trid tfisser li irid ikun hemm konversjoni u hemm konversjoni *inter alia* meta l-hati jkun ircieva l-haga biex minnha jaghmel uzu determinat u minflok li jikkommettiha ghal beneficcju tieghu stess jew jiddisponi mill-haga kuntrarjament ghal pattijiet stipulati *in buona fede*.

Illi ghalhekk fid-dawl tas-suespost, il-Qorti trid tezamina l-fatti biex tara jekk l-azzjoni tal-imputati tinkwadrax ruhha mar-reat ta' approprazzjoni indebita kif insistiet d-Difiza jew fir-reat ta' serq  jew ricettazzjoni kif akkuzat lil imputat l-Prosekuzzjoni.

Illi minn ezami akkurat tal-artikolu 293 tal-Kap 9 jirrizulta *ab initio* li l-oggett irid jigi fdat f'idejn terz qabel ma jkun fil-posizzjoni li jikkonverti dan l-oggett ghal uzu divers minn dak moghti lilu, ghalhekk jirrizulta li l-proprjetarju irid ikun kkonsenja l-haga ghal xi uzu specifikat.  Issa fil-kaz presenti jirrizulta li sid l-oggetti u cioe Emanuel Degiorgio ghan-nom tas-socjeta Bad Boy Cleaning Services Limited, ikkonsenja l-oggetti u cioe *toilet paper rolls* lil imputat sabiex jikkonsenjhom kollha fil-Park Towers.

Issa s' hawnhekk donnu l-partijiet qed jaqblu.  Pero filwaqt li l-Prosekuzzjoni qed ssostni li l-imputat beda jiehu t-*toilet paper rolls* ghad-detriment tal-Park Towers u ghalhekk ma jigix li ma kienx fdat bil-konsenja tar-rollijiet, d-Difiza ssostni li l-imputat ha r-rollijiet taht il-preteza w in kambju ta' xi flus li kellu jiehu ghad-detriment tas-socjeta li mpjegatu.

Illi l-Prosekuzzjoni trid tipprova li r-rollijiet una volta konsenjati lil Park Towers, isiru proprjeta taghha ghalkemm fil-fatt mill-provi jirrizulta l-kuntrarju u cioe li Emanuel Degiorgio kien jithallas tal-oggetti li kienu juzaw u ghalhekk r-rollijjiet li ma kienux jigu utillizati mill-Park Towers izda li kien jiehu l-imputat kienet isofrihom s-socjeta Bad Boy Cleaning Services Limited.  In fatti Emanuel Degiorgio ex admissis jghid "Dan huwa parti mill-kuntratt li kellna ahna fil-Park Towers fis-sens li mbaghad Park Towers jhallsuna kemm tas-servizz tat-tindif kif wkoll ghal oggetti wzati 'n konnessjoni mal-hasil."
**Illi ghalhekk din il-Qorti** hija propensa taqbel mad-difiza sollevata u cioe li semmai, il-Prosekuzzjoni messha akkuzat lil imputat bir-reat ta' approprazzjoni in debita kif imfisser fl-artikolu 293 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk qed **tiddikjara li ma ssibx lil imputat hati tal-akkuza ta' serq u tilliberah minnha.**

Dwar r-reat ta' ricettazzjoni il-Qorti nnotat li l-Prosekuzzjoni elevat tlett balal ta' *toilet paper rolls* minghand l-imputat li l-valur taghhom ma jeccedix l-hmistax il-lira.  Illi l-imputat stess fl-istqarrija tieghu jammetti li huwa ha dawn l-oggetti biex jpattiha lil imghallem tieghu talli ma hallsux.

Illi l-artikolu 334 tal-Kap 9 jiddisponi li kull min "xjentement jilqa ghandu hwejjeg akkwistati b'reat huwa hati ta' reat ta' ricettazzjoni."

Illi peress li dawn l-oggetti ma gewx ghand l-imputat b'mod legali izda semmai ghaliex approprja ruhu minnhom illegalment u b'hekk allura gew akkwistati b'mod ta' misapproprijazzjoni, **il-Qorti tiddikjara li qed issib lil imputat GERALD FRENDO hati ta' din tieni akkuza li**

**wara kollox nghatat b'mod alternattiv ghal akkuza ta' serq.**

Rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 261, 268(d), 334, 293 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi dwar il-piena, il-Qorti rat li hemm cirkostanzi specjali sabiex tinzel taht il-minimu fl-ghoti tal-piena.

Rat il-fedina penali tal-imputat li hija fedina penali netta b’ebda tebgha ta’ kontravenzjoni jew reat registrat fuqha.

Rat li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Prosekuzzjoni tul l-investigazzjoni kollha.

Rat li l-valur involut huwa *de minimis*.

Rat li dan il-kaz gie solvut biss minhabba dak li stqarr l-imputat stess fl-istqarrija tieghu fis-sens li kien hu li svela s-sors tat-*toilet paper rolls* u mhux ghaliex il-Pulizija kellha xi rapport ta' serq jew xi suspett fih rigward dan il-kaz u **ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 261, 268(d), 334, 293 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tiddikjara li qed issib lil imputat GERALD FRENDO hati tar-reat ta' ricettazzjoni, qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jghamilx reat iehor fi zmien sitt xhur mill-lum ai termini tal-artikolu 9 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------